1 ta' Lulju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Vella et.

**Imħatra — Football — Art. 352 (gg) tal-Kodiċi Kriminali — Govt. Notice 497/1936.**

*Il-liġi li tipprojbixxi l-imħatri fuq ir-riżultati ta' partiti tal-football f'postijiet li jkunu mxandra bħala li fihom ma jistgħux isiru dawk l-imħatri, tagħti ferm importanza għax-xandir tal-lokal, u rie-det tassikura li dan ix-xandir isir effikaċement.*

*Dik il-liġi għandha tiftihem fis-sens illi hu biżżejjed illi almenu wieħed mill-istadji ta' l-imħatra jkun żvolġa ruħu fil-lokal projbit; u l-istadju li fih isir il-ħlas tal-flus ta' l-imħatra huwa stadju ta' l-akbar importanza; b'mod li jekk il-ħlas tal-flus isir fil-lokal projbit hemm il-kontravvenzjoni, avvolja l-istadju inizjali ta' l-imħatra jkun sar band'oħra.*

*Bil-kelma "lokal" ma għandux jiftiehem biss proprju l-post projbit, imma anki l-inħawi tiegħu.*

*Imma jekk il-projbizzjoni ma tkunx saret ukoll bl-affissjoni ta' l-ordni tal-projbizzjoni fil-lokal li għalih tirriferixxi dik il-projbizzjoni, ma hemmx il-kontravvenzjoni; għax l-affissjoni ta' dak l-ordni hi waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-imputabilità.*

Vella u Quintano ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondu għall-imputazzjoni illi l-Gżira, madwar l-Empire Stadium, fil-5 ta' Mejju 1946, fis-6.45 p.m., kisru n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 497 ta' l-1938 billi għamlu mħatri ta' flus fuq ir-riżultat tal-football; u b'sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1946, ġew misjuba ħatja u kundannati. Vella għal £4 ammenda, u Quintano għal £2 ammenda;

Trattat l-appell taż-żewġ imputati, din il-Qorti kkunsidrat;

Kwantu għall-fatti, ................., Iż-żewġ imputati xehdu. Vella ċaħad għal kollox illi hu kien għamel xi mħatra, jew li ta jew irċieva flus ta' mħatri fl-okkażjoni in kwistjoni............... Dan Quintano ammetta li hu lagħab fuq il-partita ta' dak in-nhar, iżda l-imħatra saret jumejn qabel, il-Belt, meta kienu qegħdin jintlagħbu l-flus fuq il-partita ta' dak in-nhar;

Il-ligi li taħtha saret din l-imputazzjoni hi dik kontenuta fl-art. 352 (gg) Kodiċi Kriminali, Kap. 12, li tgħid hekk:— "................. makes any bet or wager within the limits of any place, whether open or enclosed, to which the public have access, on payment or otherwise, and which shall have been declared by Order of the Governor-in-Council to be a place in which betting or wagering is prohibited; provided that every such Order shall be published in the Government Gazette, and one or more copies thereof shall be posted in every place to which any such Order applies, in such a position or positions as to give reasonable notice of the prohibition to persons frequenting that place". Bil-Government Notice 497 ta' l-1938 sar Order. li bih ingħad:— "Betting on the result or, or in connection with, any football match is prohibited in any of the following places: 1. In or about the Empire Stadium at Gżira................";

Għandu jiġi osservat illi l-liġi tat ferm importanza għax-xandir tal-lokal, u riedet tassikura li dan ix-xandir isir effikaċement. Din il-preokkupazzjoni tal-leġislatur hi f'lokha. Infatti, kif ġie kostantement osservat mill-Qrati Ingliżi fid-deċiżjonijiet tagħhom in materja, mhux il-"betting" per sè hu milqut, imma l-"betting" relativament għal ċerti lokalitajiet (ara l-kliem ta' Lord Esher in "Powell vs. Kempton Park" 1897, 2 Q.B.). U Mr. Justice Channell kien qal, in "Brown vs. Patch" 1899, 1 Q.B., illi l-liġi tal-"betting" kienet diretta mhux kontra "betting persons", imma kontra "betting places" (ara "The Law relating to Betting Offences" by Jenkins, Morley & Purchase);

Bħala aspett ta' fatt, il-Qorti hi nklinata taċċetta, kif fil-każ in ispeċje taċċetta, il-versjoni ta' Dr. Frendo Azzopardi u tal-Maġġur Castillo, u jidhrilha illi ċ-ċirkustanzi, rettament apprezzati, juru illi l-flus li kienu qegħdin jitħallsu kienu in konnessjoni ta' mħatri fuq il-partita tal-football li kienet għadha kemm spiċċat dak in-nhar fl-Empire Stadium Sports Ground;

Id-difiża ġiebet żewġ argumenti bħala gravami;

Qalet illi l-imħatra ma saretx li Stadium, imma l-Belt. Dan l-argument ma jimpressjonax lill-Qorti, għaliex l-Imħallef sedenti huwa ta' opinjoni illi l-liġi fuq imsemmija għand-

ħa raġjonevolment tiftieħem illi ħu biżżejjed illi almenu wieħed biss mill-istadji ta' l-imħatra jkun żvolġa ruħu fil-post indikat fl-Order, u illi l-imħatra tkun relativa għall-partita li tintlagħab f'dak il-post. Diversament, il-liġi u l-iskop benefiku tagħha kienu jistgħu jiġu faċilment elużi, b'mod li ssir irriżorja. Wieħed mill-istadji, anzi l-istadju inizjali ta' l-imħatra, hu meta ssir; imma hemm anki stadji oħra, u l-istadju tal-ħlas tal-flus milgħuba hu ta' l-akbar importanza;

Kwantu għall-post, il-liġi tgħid mhux biss "in the Empire Stadium", imma "in or about" ("ġewwa jew madwar" fit-test malti), u għalhekk ma hemmx bżonn illi l-istadju nkriminat ta' l-imħatra (ħlas) isir proprju ġol-ground, imma hu ugwalment inkriminabili jekk isir madwar il-ground, fl-inħawi tagħha, kif sar f'dan il-każ;

Id-deduzzjoni l-oħra, però, tad-difiża hi bażata, u tirrifletti nuqqas tal-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti ta' Isfel. Il-liġi trid mhux biss il-pubblikazzjoni ta' l-Order fil-Gazzetta tal-Gvern, li fil-fatt saret bil-Government Notice fuq imsemmija, imma trid kumulativament illi kopja waħda jew iżjed ta' l-Order jinżammu mwaħħla f'kull post li għalih dak l-ordni jkun jgħodd;

Issa l-Pulizija fil-Qorti t'Isfel ma għamlitx (u lanqas, del resto, ma saret f'din l-istanza) il-prova illi kien hemm l-affissjoni ta' din il-kopja, waħda jew iżjed, fl-Empire Stadium, u l-Qorti ma hix ġustifikata tippreżumi arbitrarjament li saret, speċjalment meta l-affissjoni hi waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-imputabilità. Hu l-każ illi, fi prosekuzzjonijiet simili, il-Pulizija toqgħod attenta illi tagħmel quddiem l-ewwel Qorti l-prova ta' l-affissjoni tal-kopja;

Għalhekk, la jonqos dan ir-rekwiżit, reat ma hemmx;

Konsegwentement il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tiddikjara ż-żewġ imputati mhux ħatja, u tordna li jiġu liberati.